# Il-Komunità Melleħija tiċċelebra u tifraħ fil-festa tagħha

*Christopher Bartolo*

Kemm kienet tassew xewqa sabiħa u ħsieb nobbli li missirijietna – il-komunitajiet ta' qabilna – għażlu l-parroċċa tagħna, kif ukoll il-knisja parrokkjali l-ġdida tkun iddedikata proprju lit-twelid tal-Verġni Marija – lil dik it-tarbija ċkejkna mimlija grazzja li kellha tkun Omm il-Feddej!

Missirijietna stinkaw u ħadmu kemm felħu sabiex, bħal kull belt u raħal ieħor f'Malta u Għawdex, ikollhom it-tempju fejn fih jiltaqgħu sabiex jitolbu u jirringrazzjaw lil Alla tal-ġid kollu li jkunu rċivew minn għandu matul iż-żmien. Kif jaf kulħadd, il-knisja parrokkjali nbniet biswit is-Santwarju għażiż tagħna ddedikat ukoll lill-Madonna. Il-knisja nbniet b'ħafna dedikazzjoni, però mhux mingħajr tbatija u sagrifiċċji. Żgur li kienet ta' uġigħ ta' ras għall-kappillan Magri li kellu r-responsabbiltà tal-bini tagħha, kif ukoll ta' ħafna nies, fosthom il-periti, il-bennejja kif ukoll irġiel, nisa u anke tfal li lkoll taw daqqa t'id sabiex wara sbatax-il sena din tlestiet. Ċertament, waqt il-bini, dawn iltaqgħu ma' ħafna diffikultajiet, fosthom ta' nuqqas ta' finanzi, affarijiet li ma kinux jistennewhom u stejjer oħra.

Kien tassew ġustifikat il-ferħ tal-poplu Mellieħi dakinhar li dan it-tempju maestuż tbierek u ġie inawgurat. In-nies tal-Mellieħa ta' dak iż-żmien kienu ilhom jistennew dik il-ġurnata speċjali għalihom għal ħafna żmien. Il-jum tant mistenni kien il-5 ta' Settembru 1897 meta l-Isqof Pietru Pace kien ġie fil-parroċċa tagħna biex solennement ibierek il-knisja parrokkjali tagħna. Jingħad li għal din l-okkażjoni unika, il-poplu Mellieħi ħonoq mhux biss il-knisja iżda anke l-pjazza ta' quddiemha. Ninsab ċert li f'dik l-okkażjoni l-kappillan u s-saċerdoti flimkien ma' dawk preżenti raddew ħajr lil Alla l-Imbierek ta' kull ma kien għamel magħhom matul il-proċess kollu tal-bini tal-istess knisja. Raddew ħajr 'l Alla talli dak il-bini maestuż kien sar id-dar tiegħu fejn il-poplu kollu seta' jmur sabiex jiltaqa' miegħu fiċ-ċelebrazzjonijiet kollha li kienu jsiru. Kellhom post fejn setgħu jieħdu sehem fil-funzjonijiet li kienu jsiru, fosthom il-quddiesa, jirċievu s-sagramenti u anke jagħtu l-aħħar tislima lill-għeżież tagħhom meta l-Mulej isejħilhom fi ħdanu ġewwa s-sema. Minn dik il-ġurnata 'l hawn, il-poplu kollu beda jaħdem sabiex ikompli jsebbaħ dan it-tempju li għadna ngawduh sal-lum.

Proġett bħalma huwa l-bini ta' knisja jitlob l-involviment ta' ħafna nies – nies b' determinazzjoni soda u b'responsabbiltà kbira. Naturalment din il-biċċa xogħol kienet toffri sfidi u sagrifiċċji kbar. L-antenati tagħna kienu jemmnu ħafna fix-xogħol volontarju; għalhekk kont tara ħafna nies jagħtu daqqa t'id fil-ħin liberu tagħhom sabiex jaraw il-



Kwadru Titulari tal-Parroċċa tal-Mellieħa.

ħolma tagħhom isseħħ. Wieħed irid jirrikonoxxi l-ħidma u d-direzzjoni tal-kappillan Dun Franġisk Marija Magri li, barra l-ħidma pastorali, kellu r-responsabbiltà tal-bini tal-knisja. Dan il-kappillan żgur jibqa' rikonoxxut mill-komunità Mellieħija li kien hu l-moħħ wara l-bini ta' din il-knisja tant sabiħa u maestuża.

## It-Titular tal-Mellieħa

Kif diġà għedt, wara li tlesta l-bini tal-knisja, din ġiet imbierka u ddedikata bit-titlu tat-twelid tal-Madonna. Din l-għażla ċertament saret mill-kappillan u s-saċerdoti kif ukoll mill-poplu tal-Mellieħa. Għalhekk, wara li saret id-dedikazzjoni, mill-ewwel ġie ordnat kwadru titulari sabiex jitpoġġa fuq l-artal iddedikat lit-twelid tal-Madonna. Qiegħed nirreferi għall-kwadru li jidher faċċata tal-knisja wara l-artal maġġur. Kwadri bħal dawn issibhom f'kull knisja u dawn ikunu mpittrin minn artisti magħrufa fosthom Stefano Erardi, Mattia Preti, Francesco Zahra, Lazzaro Pisani u Giuseppi Calì. Dawn il-kwadri, wara li jkunu kkummissjonati mill-kappillani, jiġu mħallsa mill-poplu jew minn xi benefatturi. F'dawn il-kwadri ħafna drabi naraw impittrin il-Patruni Qaddisin tal-bliet u rħula tagħna. Fihom naraw xi episodju mill-ħajja tagħhom jew mill-ħajja ta' Ġesù jew tal-Madonna b'rabta mal-qaddisin Patruni, bħal pereżempju l-martirju ta' dawk Martri.



**Dan huwa s-Saċerdot Monsinjur Francesco Maria Magri, is-saċerdot li fi żmienu nbniet il-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa.**

Fil-każ tagħna l-Melleħin, il-kwadru titulari jurina żewġ ġrajjiet marbuta ma' xulxin u li t-tnejn seħħew fit-8 ta' Settembru. Il-pittur ta' dan il-kwadru mill-isbaħ ried jurina proprju x-xewqa u d-dedikazzjoni li kellhom missirijietna. Giuseppe Calì ried jgħaqqad żewġ ġrajjiet importanti – it-twelid tal-Madonna u r-rebħa tal-Kavallieri fuq il-Misilmin – fi kwadru wieħed. Fil-parti ta' fuq tal-kwadru nsibu t-tliet figuri ta' Sant'Anna, il-figura ħelwa tal-Madonna ċkejkna tarbija f'ħoġorha u San Ġwakkin. Il-parti t'isfel tal-kwadru jissimbolizza r-rebħa tal-Maltin fuq it-Torok fil-ġrajja tal-Assedju l-Kbir.

Il-parti ta' fuq tingħaqad mal-parti t'isfel billi naraw anġlu jagħti l-palma tar-rebħa lil wieħed mill-Kavallieri. Dan il-kwadru ġie mpitter fl-1898, sena wara t-tberik tal-knisja. Din is-sena, insibuha miktuba darbtejn f'dan il-kwadru. Waħda tinsab taħt il-firma ta' Calì u l-oħra nsibuha fuq il-ġebla li fuqha qiegħed għarkupptejh il-Kavallier li qiegħed jirċievi l-palma tar-rebħa. Fuq l-istess ġebla fil-pittura ħdejn is-sena 1898, insibu l-isem tal-benefattur ta' dan il-kwardru – Joannes Mifsud.

Nixtieq nagħmel kumment tal-aħħar fuq dan il-kwadru li ilu jsebbaħ il-knisja tagħna 'l fuq minn mitt sena. Minn meta kont għadni żgħir, kont kuljum immur mal-ġenituri tiegħi l-knisja għall-quddies u funzjonijiet oħra, u peress li ħafna drabi konna noqogħdu fil-kursija (fil-parti tan-nofs tal-knisja), dan il-kwadru kont bilfors narah quddiemi. Ngħid il-verità, minn dejjem kien jaffaxxinani u kont nipprova nifhem is-sinifikat tiegħu. Naturalment iktar ma bdejt nikber, iktar bdejt nifhem il-kwadru x'kien jirrapreżenta. Dawk il-figuri mpittra b'kuluri mirqumin li jfakkruna f'żewġ ġrajjiet importanti ħafna għalina l-insara, bdew jiżirgħu ġo fija iżjed imħabba u ġibda lejn il-knisja tagħna. F'Mejju ta' din is-sena għalaqt 35 sena sagristan tal-knisja parrokkjali fejn jinsab dan il-kwadru.

Inkun il-knisja kuljum, u tista' tgħid kuljum nara lil xi Malti jew turist fil-kor jieħu r-ritratti jew vidjow ta' dan il-kwadru li jpaxxi lil kull min jarah. Ikun hemm drabi fejn dawn jiġu jfittxuni sabiex nispjegalhom x'jirrappreżenta l-kwadru u jien nispjegalhom kif Giuseppe Calì rnexxielu jgħaqqad żewġ ġrajjiet importanti għalina l-Maltin fi kwadru wieħed.

## Il-Festa tal-Melleħin

Jien semmejt dan l-artiklu "Il-Komunità Mellieħija tiċċelebra u tifraħ fil-festa tagħha". U hekk hu. Kull festa għandha ġġib u tnissel ferħ fost in-nies ta' madwar. Meta joqrob il-Milied, niġi mistieden nikteb artikli fuq temi marbuta mal-Milied. Dawn l-artikli ġeneralment ikunu

ppubblikati fis-supplimenti tal-Milied mal-gazzetti lokali fil-Ħadd ta' qabel il-Milied. Qiegħed insemmi l-Milied għaliex f'dawn l-artikli li semmejt, ħafna drabi ktibt li San Franġisk t'Assisi kien isejjaħ il-Milied bħala "il-festa tal-festi" għaliex din il-festa dejjem tnissel ferħ u paċi fost il-bnedmin. Dan il-ħsieb li kien jagħmel San Franġisk fuq it-twelid ta' Ġesù Bambin, jgħodd bl-istess mod għat-twelid tal-Madonna - Marija Bambina, għaliex aħna lkoll ngħidu li "It-Twelid tiegħek, Verġni Marija, ferraħ lid-dinja" Aħna bħala komunità Melleħija – il-poplu Mellieħi kollu - għandna x-xorti li nduqu minn dan il-ferħ li ġab it-twelid tal-Verġni Marija għaliex proprju l-parroċċa tagħna hija ddedikata lit-twelid tal-Bambina u allura nkunu qegħdin niċċelebraw din il-ġrajja b'mod festiv.

Għalina l-Melleħin din il-festa hija meqjusa bħala 'l-festa tal-festi' għaliex f'din il-ġurnata l-komunità kollha tingħaqad flimkien sabiex il-ferħ li ġab it-twelid tal-Bambina, taqsmu flimkien f'turija ta' għaqda u mħabba.

### Għeluq b'apprezzament

Hija ħaġa xierqa li rrodd ħajr lill-President u l-Kumitat tal-Banda "Imperial" li għal sena oħra reġgħu stednuni sabiex nikteb dan l-artiklu. Nirringrazzjahom tar-rispett u l-għajnuna li dejjem sibt matul dawn il-35 sena li ilni sagristan. Irrid nżżi ħajr lil ħafna nies li tant jaħdmu għas-suċċess tal-festa tagħna. Din is-sena hija sena ddedikata lill-volontarjat. Il-volontarjat jiġbor fih ħafna xogħol, pjanijiet, sagrifiċċju u ħafna impenn. Ħafna nies jagħmlu xogħol differenti b'mod volontarju, però l-iskop ikun wieħed – dak li jgħinu u jferrħu lil ħaddieħor.

L-awgurju tiegħi huwa li s-sena 2011 tkompli tagħmlilna kuraġġ sabiex inkomplu nsibu nies iddedikati li jkunu lesti jgħinu b'mod volontarju f'kull qasam għall-ġid tal-oħrajn. Jalla nibqgħu ngħożżu dak li ksibna matul iż-żminijiet sabiex raħal twelidna, il-Mellieħa, jibqa' dejjem miexi 'l quddiem. B'hekk nuru li aħna nixtiequ li r-raħal tagħna jagħmel suċċess u li jibqa' f'qalbna sa l-aħħar nifs ta' ħajjitna.

Il-Qasrija

**in 2 Cross Street Mellieħa**, specialises in flower arrangements for weddings, funeral flowers, Holy Communion and other occasions.

Consultation on the type of flowers and budgeting advice are all part of this personalised service. Wedding packages include all the floral arrangements for home, church and reception venue.

Deliveries are made to the home of the bride which means the couple will have one less thing to worry about.

Tel/Fax:
21 520549


CLIFFORD
Motoring School
& Motorcycle Towing

Mob: 9947 8908 • 9945 2994

WE TEACH ON MANUAL CARS
MALE & FEMALE QUALIFIED INSTRUCTORS
VERY PATIENT AND PROFESSIONAL
DOOR TO DOOR PICK UP/DROP DOWN SERVICE
HIGH PASS RATE
NO HIDDEN CHARGES
LESSONS ON INDIVIDUAL BASIS

WE DO PRACTICAL
TESTS IN MALTA & GOZO